



Brussell, 3 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6829/22

COH 12
FIN 282
SOC 120
TOUR 21
COMPET 133

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	3 ta' Marzu 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6107/22	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 27/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Appoġġ mill-UE lit-turiżmu: Ħtieġa għal orjentazzjoni strateġika ġdida u approċċ ta' finanzjament aħjar - Konklużjonijiet tal-Kunsill (3 ta' Marzu 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 27/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "Appoġġ mill-UE lit-turiżmu: Ħtieġa għal orjentazzjoni strateġika ġdida u approċċ ta' finanzjament aħjar", approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3850 laqgħa tiegħu fit-3 ta' Marzu 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 27/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

Appoġġ mill-UE lit-turiżmu: Ħtieġa għal orjentazzjoni strateġika ġdida u approċċ ta' finanzjament aħjar

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 27/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u t-tweġibiet tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport;
- (2) JINNOTA li l-awditu tal-Qorti vvaluta jekk il-Kummissjoni għamlitx kontribut effettiv fl-appoġġ għall-industrija tat-turiżmu tal-UE u biex tikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dan is-settur matul il-perijodu 2014-2020. F'dak l-isforz, il-Qorti eżaminat jekk:
 - l-istrateġija tat-turiżmu tal-Kummissjoni indirizzatx il-ħtiġijiet tas-settur tat-turiżmu b'mod effettiv u ġietx aġġornata regolarment biex tirrifletti l-prijoritajiet li qed jinbidlu;
 - l-appoġġ finanzjarju tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għall-investimenti fit-turiżmu pubbliku kienx konsistenti mal-istrateġiji eżistenti, sostenibbli u ffukat fuq investimenti li jżidu l-valur lil hinn mill-proġett innifsu;
 - il-Kummissjoni bdiex azzjonijiet biex ittaffi l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur tat-turiżmu;
- (3) JAGĦRAF li t-turiżmu huwa settur ekonomiku ewlieni fl-UE, li ntlaqat b'mod drammatiku mill-pandemija tal-COVID-19, u qed jiffaċċa sfidi fit-tul;
- (4) JISSOTTOLINJA li l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' ċerti reġjuni jiddependi ħafna fuq l-attivitajiet relatati mat-turiżmu u li t-turiżmu jista' jkun settur strateġiku għat-tkabbir ekoloġiku u diġitali u għal żvilupp reġjonali sostenibbli, inklużiv, innovattiv u integrat;

- (5) JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport, b'mod partikolari li:
- Wara l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur tat-turiżmu tal-UE, il-Kummissjoni rressqet miżuri u proposti biex ittaffi l-impatt tagħha u biex tiddefinixxi perkors ta' tranżizzjoni li jista' jipprovdi l-bażi għal aġenda tat-turiżmu għall-2030;
 - L-appoġġ finanzjarju għall-investimenti fit-turiżmu permezz tal-FEŻR fil-perijodu 2014-2020 indirizza l-oġettivi tat-turiżmu tal-UE u daww nazzjonali iżda xi nuqqasijiet fl-għażla tal-proġetti l-limitaw l-effettività tiegħu; barra minn hekk, il-fatt li jkun hemm biss indikatur komuni wieħed ma jippermettix li jitkejlu t-tipi kollha ta' riżultati tal-proġetti;
 - Il-gwida tematika tal-Kummissjoni ma indirizzatx biżżejjed ir-riskju ta' kompatibilità bejn l-istrateġiji tat-turiżmu ta' reġjuni ġirien, sovrappożizzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-UE fl-istess qasam u oqfsa ta' manutenzjoni xierqa fis-snin wara t-tlestija ta' proġett;
- (6) JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjoni mogħtija mill-Qorti lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi strateġija ġdida konsolidata għall-ekosistema tat-turiżmu tal-UE, li timmira b'mod espliċitu li tappoġġa investimenti li jikkontribwixxu għal forma aktar sostenibbli ta' turiżmu;
- (7) JAPPOĠĠA r-rakkomandazzjoni mogħtija mill-Qorti lill-Kummissjoni biex thegħeġ lill-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Istati Membri jadottaw proċeduri tal-għażla tal-proġetti li jgħinu biex, fejn rilevanti, l-appoġġ finanzjarju tal-FEŻR jitmexxa lejn proġetti konsistenti mal-orjentazzjonijiet strateġiċi l-ġodda u li huma effettivi, ikkoordinati ma' proġetti f'żoni ġirien, anke pereżempju fi ħdan strateġiji territorjali integrati, li għandhom impatt lil hinn mill-proġett innifsu u jstimulaw l-attività turistika ġenerali, li huma sostenibbli u inklużivi;

- (8) JIKKONDIVIDI t-tweġibiet tal-Kummissjoni dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li:
- Diversi strateġiji b'rilevanza għat-turiżmu ġew adottati mill-Kummissjoni f'dawn l-aħħar snin sabiex jiġu ffaċċati sfidi speċifiċi tas-settur tat-turiżmu, bħall-aġġornament tal-Istrateġija Industrijali tal-5 ta' Mejju 2021;
 - Il-proġetti ta' investiment fit-turiżmu jistgħu jiġu ffinanzjati, fost l-oħrajn, permezz tal-FEŻR jew taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF);
 - Għall-2021-2027, indikaturi komuni tar-riżultati ġodda għandhom jirriflettu aħjar il-varjetà ta' investimenti fit-turiżmu;
- (9) JIRRIKONOXXI l-importanza tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u s-sħubija fil-programmi ta' ġestjoni kondiviża, li għandhom jitqiesu meta jiġu definiti l-prijoritajiet ta' investiment fis-settur tat-turiżmu;
- (10) IQIS li r-Rapport huwa valutazzjoni siewja tal-appoġġ tal-FEŻR għall-proġetti tat-turiżmu li tista' tkun kontribut utli għall-perijodu ta' programmazzjoni 2021-2027 u għad-definizzjoni tal-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu¹ li dwarha għandhom għaddejjin diskussjonijiet fil-Kunsill;
- (11) JISSOTTOLINJA li, għall-perijodu 2021-2027, il-proġetti ta' investiment b'appoġġ għal turiżmu sostenibbli u reżiljenti jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-Objettivi ta' Politika kollha tal-politika ta' koeżjoni sakemm l-investimenti jikkontribwixxu għall-kisba tal-Objettiv ta' Politika korrispondenti u jikkonformaw mal-kondizzjonijiet jew ir-rekwiżiti abilitanti applikabbli;

¹ ST 8881/21.

(12) JISTIEDEN lill-Kummissjoni:

- Twettaq studji biex tivvaluta r-rwol tal-investimenti tal-FEŻR, inkluż mir-riżorsi ta' REACT-EU, fl-irkupru, ir-reżiljenza, it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tas-settur wara l-pandemija tal-COVID-19 u l-influwenza tiegħu fuq it-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent;
 - Tikkondividi l-aħjar prattiki dwar il-proġetti tat-turiżmu, inkluż dwar kif dawn jintgħażlu jew jiġu valutati, fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Fondi tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (Grupp ta' Esperti dwar is-CPR) u, fejn xieraq, fil-Kumitat Konsultattiv għat-Turiżmu.
-